Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/1013

2.4.2024

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA’ SIGURTÀ (PESK) 2024/1013

**tas-26 ta’ Marzu 2024**

**dwar il-konferma mill-ġdid tal-awtorizzazzjoni tal-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran**

**(EUNAVFOR MED IRINI)**

**(EUNAVFOR MED IRINI/2/2024)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA’ SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/472 tal-31 ta’ Marzu 2020 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 8(3) tagħha,

Billi:

(1) Fil-31 ta’ Marzu 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/472, li stabbiliet u varat operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) għall-perjodu sal-31 ta’ Marzu 2021.

(2) L-Artikolu 8(3) tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/472 jipprevedi li, minkejja dan il-perjodu, l-awtorizzazzjoni tal-operazzjoni trid tiġi kkonfermata mill-ġdid kull erba’ xhur u li l-Kumitat Politiku u ta’ Sigurtà jrid itawwal l-operazzjoni sakemm l-iskjerament tal-assi marittimi tal-operazzjoni ma jipproduċix effett ta’ attrazzjoni fuq il-migrazzjoni abbażi ta’ evidenza sostanzjata miġbura skont il-kriterji stipulati fil-Pjan tal-Operazzjoni.

(3) Fl-20 ta’ Marzu 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/653 ([2]), li estendiet l-operazzjoni sal-31 ta’ Marzu 2025, soġġetta għall-istess proċedura ta’ konferma mill-ġdid.

(4) Il-Kmandant tal-Operazzjoni pprovda rapporti ta’ kull xahar dwar il-fattur ta’ attrazzjoni.

(5) Jenħtieġ li l-awtorizzazzjoni tal-operazzjoni tiġi kkonfermata mill-ġdid għat-tlettax-il subperjodu ta’ erba’ xhur tal-mandat tagħha u jenħtieġ li l-operazzjoni tittawwal skont dan.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-awtorizzazzjoni ta’ EUNAVFOR MED IRINI hija b’dan ikkonfermata mill-ġdid u l-operazzjoni hija mtawla mill-1 ta’ April 2024 sal-31 ta’ Lulju 2024.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta’ Marzu 2024.

*Għall-Kumitat Politiku u ta’ Sigurtà*
*Il-President*
D. PRONK

([1]) ĠU L 101, 1.4.2020, p. 4.
([2]) ĠU L 81, 21.3.2023, p. 27.